MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## DOREEN CLARKE

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2007

Numru. 410/2007

Il- Pulizija
(Spettur Angelo Gafa)

-vs-

George Falzon

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l- imsemmi George Falzon ta' 49 sena, iben Carmelo u Catherine nee` Abela, imwieled Zabbar fis- 6 ta' Awissu 1957, residenti fi Block C5, Flat 6, Qasam tal- Bini tal- Gvern, Fgura u detentur tal- karta ta' l-identita' bin- numru 560057M

Akkuzat talli f' dawn il- gzejjer, fl- 1 ta' Marzu, 2007 u fix-xhur ta' qabel, b' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda, ghamel falsifikazzjoni f' att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew

ta' bank privat b' falsifikazzjoni jew b' tibdil fl- iskrittura jew fil- firem, billi halaq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f' dawk l- atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l- atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

U aktar talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni fi skrittura privata li setghet taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli;

Kif ukoll talli fl- istess perjodu, lok u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat.

Rat l-atti u d-dokumenti prezentati.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sa biex dan il-kaz jigi trattat bi proceduri sommarji u li l-imputat ma kellux oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu anke wara li l-Qorti fissritlu l-konsegwenzi ta' ammissjoni u taghtu zmien biex jahsibha.

Rat l-artikoli 18, 183, 187(1), u 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-fedina penali ta' l-akkuzat.

Semghat it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi f'l-ewwel udjenza mizmuma minn din il-Qorti fil-proceduri odjerni, u cioe dik tal-15 ta' Ottubru 2007, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu. L-imputazzjonijiet ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputat kellu bzonn id-dokumenti esebieti a fol 28 sa 31 ai fini ta' l-assikurazzjoni tal-persuni hemm indikati bhala sewwieqa tal-vettura ossia xarabank bin-numru ta' registrazzjoni DBY 426. Din il-vettura ghalkemm propjeta ta' l-imputat kienet ghada registrata f'isem missieru Carmelo Falzon. Minhabba disgwid familjari l-imputat m'ottjeniex il-firma ta' missieru fuq l-imsemmija dokumenti ghalhekk huwa ffirma dawn id-dokumenti minflok missieru; huwa iffalsifika l-firma ta' missieru fuq tlieta minnhom u ghamel il-firma tieghu stess fuq isem missieru fid-dokument l-iehor.

Illi ghalkemm l-intenzjoni ta' l-imputat kienet li jikkonforma mal-Ligi dwar assikurazzjoni favur terzi ta' vettura li jintuzaw fit-triq, il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li biex jipprova jikkonforma ma dik il-ligi l-imputat vvojla ligi ohra.

Illi l-Qorti kkunsidrat ukoll l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-kooperazzjoni ta' l-imputat mal-pulizija.

Illi l-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll l-fedina penali ta'l-imputat li sfortunatament hija kemm xejn refrettarja.

Illi l-piena stabbilita ghall-imputazzjonijet migjuba kontra l-imputat hija dik ta' prigunerija ghal perjodu minn tlettax il-xahar sa erbgha snin. Illi b'applikazzjoni ta' l-artikolu 18 tal-Kap 9 din il-piena ghandha tghola bi grad jew tnejn,.

Illi l-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, hija tal-fehma li l-piena ghandha tghola bi grad. In oltre il-Qorti hija tal-fehma li piena karcerarja effettiva mhiex indikata u li ghandu jigi applikat l-artikolu 28A tal-Kap 9 fil-konfront ta'l-imputat.

Ghal dawn il-motivi, fuq ammissjoni, u wara li rat l-artikoli 18, 183, 187(1), u 189 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghal piena ta' prigunerija ghall-perjodu ta' tmintax (18) il-xahar liema perjodu, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kap 9, qed jigi sospiz ghal perjodu ta' erbgha (4) snin.

Il-Qorti spjegat lill-hati fi kliem car r-responsabbilta tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perjodu operattiv reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------